SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (it-Tielet Awla)

10 ta' Mejju 2007 *

Fil-kawża C-391/04,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2004, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Settembru 2004, fil-proċedura

Ypourgos Oikonomikon,

Proïstamenos DOY Amfissas,

vs

Charilaos Georgakis,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, A. Borg Barthet u U. Lõhmus (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Lulju 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal C. Georgakis, minn N. Korogiannakis u A. Mouzaki, dikigori,

— għall-Gvern Grieg, minn M. Apessos u S. Spyropoulos, kif ukoll minn S. Trekli u M. Tassopoulou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn G. Braun u G. Zavvos, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2006,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 1 sa 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/592/KEE tat-13 ta' Novembru 1989 li tikkonċerna l-koordinazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-insider dealings (ĠU L 334, p. 30).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn l-Ypourgos Oikonomikon (Ministru tal-Finanzi) u l-Proïstamenos DOY Amfissas (l-awtorità fiskali ta' Amphissa) kontra C. Georgakis, li ġie akkużat bi sfruttament ta' informazzjoni minn ġewwa minħabba li kien jieħu sehem, flimkien ma' l-azzjonisti prinċipali l-oħra u membri tal-Bord tad-diretturi ta' kumpannija, fi tranżazzjonijiet fil-borża miftehma minn qabel intiżi li jżidu artifiċjalment il-prezz ta' titoli trasferibbli ta' dik il-kumpannija.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/592 jiddisponi:

"Għall-finjiet ta' din id-Direttiva:

1) 'informazzjoni minn ġewwa' tfisser informazzjoni li ma saritx pubblika, li hija ta' natura preċiża dwar entità jew diversi entitajiet emittenti ta' titoli trasferibbli,

jew dwar titolu jew diversi titoli trasferibbli u li, jekk issir pubblika, aktarx ikollha effett kbir fuq il-prezz tat-titolu jew titoli trasferibbli in kwistjoni;

2) 'titoli trasferibbli' tfisser l-inklużjoni, b'mod partikolari, ta' "l-ishma u l-bonds, kif ukoll titoli li jistgħu jiġu assimilati ma' ishma u obbligi meta dawn jiġu nnegozjati f'suq regolat u ssorveljat ta' awtoritajiet rikonoxxuti minn poteri pubbliċi, li joperaw b'mod regolari u huma aċċessibbli direttament jew indirettament għall-pubbliku." [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 Skond l-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva:

"Kull Stat Membru għandu jipprojbixxi lil kull persuna li:

— minħabba li tkun membru tal-korpi amministrattivi, tal-ġestjoni jew superviżjoni ta' l-entità emittenti,

— minħabba li żżomm kapital fl-entità emittenti jew

— peress li jkollha aċċess għal din l-informazzjoni minħabba l-impjieg, professjoni jew dmirijiet tagħha,

tippossjedi informazzjoni minn ġewwa, milli takkwista jew tittrasferixxi għaliha jew għal ħaddieħor, kemm direttament kif ukoll indirettament, it-titoli trasferibbli ta' l-entità emittenti jew ta' l-entitajiet ikkonċernati minn din l-informazzjoni, billi tapprofitta ruħha mill-fatt li hija konxja ta' din l-informazzjoni minn ġewwa." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 Skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/592:

"Kull Stat Membru għandu jipprojbixxi lil kull persuna li hija suġġetta għall-projbizzjoni imposta mill-Artikolu 2 li għandha f'idejha informazzjoni minn ġewwa:

a) milli tikxef din l-informazzjoni minn ġewwa ma' terz, sakemm dan ma jsirx fit-twettiq normali ta' l-impjieg, professjoni jew dmirijiet tagħha;

b) milli tirrakkomanda jew iġġiegħel lil terz sabiex, abbażi ta' l-informazzjoni minn ġewwa, jakkwista jew jittrasferixxi titoli trasferibbli kif iddefiniti mill-Artikolu 1 (2) *in fine*." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 L-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva jipprovdi:

"Kull Stat Membru għandu jimponi l-projbizzjoni prevista mill-Artikolu 2, ukoll fuq kull persuna, minbarra dawk imsemmija f'dak l-Artikolu, li, b'konoxxenza tal-fatti, tippossjedi informazzjoni minn ġewwa, li setgħet oriġinat, direttament jew indirettament, biss minn persuna msemmija fl-Artikolu 2." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

7 Id-Direttiva 89/592 ġiet trasposta fid-dritt Grieg bid-digriet presidenzjali Nru 53/1992 dwar atti relatati ma' informazzjoni minn ġewwa (aktar 'il quddiem id-"digriet"). Dan ta' l-aħħar huwa intiż illi jagħmel il-leġiżlazzjoni dwar il-boroż finanzjarji konformi ma' din id-Direttiva.

8 L-Artikoli 2, 3 u 4 tad-digriet jirriproduċu rispettivament l-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Direttiva 89/592.

9 L-Artikolu 5 tad-digriet, li ħa mill-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva, jiddisponi:

"Il-projbizzjonijiet previsti mill-Artikoli 3 u 4 ta' dan id-digriet japplikaw ukoll għal kull persuna, barra minn dawk imsemmija f'dan l-Artikolu, illi b'konoxxenza tal-fatti, tippossjedi informazzjoni minn ġewwa, li setgħet oriġinat biss, direttament jew indirettament, mill-persuna msemmija fl-Artikolu 3".

10 L-Artikolu 11 tad-digriet jiddisponi:

"Fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(1) u (2), u ta' l-Artikoli 4 u 5 ta' dan id-digriet, barra l-penalitajiet taħt l-Artikolu 30 (1) u (3) tal-liġi Nru 1806/1988, il-Kummissjoni tas-Swieq Kapitali tista' timponi multa ta' mhux inqas minn 10 miljuni GRD u mhux iktar minn ta' biljun GRD, jew ammont ekwivalenti għal ħames darbiet il-profitt magħmul mill-persuna li tkun sfruttat l-informazzjoni minn ġewwa."

11 L-Artikolu 34 tal-liġi Nru 3632/1928 jiddisponi:

"Hija punibbli b'piena ta' priġunerija u b'multa ta' mhux iktar minn 50 000 GRD jew waħda biss minn dawn iż-żewġ pieni:

a) kull persuna li, xjentement tapprofitta ruħha billi tuża' mezzi speċifiċi li jqarrqu lill-pubbliku biex tinfluwenza l-valuri ta' titoli kkwotati fil-borża, bl-iskop li tagħmel qligħ illeċitu [...]"

12 L-Artikolu 72(1) tal-Liġi Nru 1969/1991 jipprovdi:

"Kull minn ixerred xjentement, permezz ta' l-istampa jew b'kull mezz ieħor, informazzjoni falza jew mhux eżatta li tista' tinfluwenza l-andament tal-valuri ta' titoli trasferibbli nnegozjati fil-borża, ikun suġġett għal piena ta' priġunerija u multa ta' mhux iktar minn mitt miljun GRD."

13 L-Artikolu 76(10) ta' din il-liġi jgħid:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet kriminali ġenerali, il-Kummissjoni tas-Swieq Kapitali għandha s-setgħa li timponi multa ta' mhux iktar minn mitt miljun GRD fuq impriżi li jiksru l-liġi dwar is-suq kapitali jew deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tas-Swieq Kapitali."

14 L-Artikolu 30 tal-Liġi Nru 1806/1988 jimponi pieni kriminali fuq il-persuni li jagħmlu użu illeċitu minn informazzjoni minn ġewwa li huma jkollhom f'idejhom.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

15 Wara l-kriżi tal-borża tax-xahar ta' Novembru 1996, id-Dipartiment tas-Swieq Kapitali u tal-Boroż ta' Titoli Trasferibbli tal-Ministeru ta' l-Ekonomija għamel investigazzjonijiet fuq tranżazzjonijiet li jirrigwardaw ishma tal-kumpanniji Parnassos u Atemke. Il-persuni li fuqhom kien hemm indizji gravi u li ġew akkużati li kisru l-leġiżlazzjoni fuq is-swieq kapitali ġew mistiedna jressqu noti ta' spjegazzjoni.

16 Skond l-informazzjoni li għandha l-borża ta' Ateni, f'Awwissu 1996, C. Georgakis u membri tal-familja tiegħu (aktar 'il quddiem il-"grupp Georgakis") kienu l-azzjonisti ewlenin ta' Parnassos. Fl-istess żmien, Parnassos u s-sussidjarja tagħha, il-kumpannija Syrios AVEE, kellha l-maġġoranza ta' l-ishma ta' Atemke. Fil-każijiet kollha, kienu jirrigwardaw ishma rreġistrati. Kemm C. Georgakis kif ukoll il-parti l-kbira tal-membri ta' dan il-grupp kienu membri tal-Bord tad-diretturi ta' Parnassos u ta' Atemke, kumpanniji li fihom kellhom funzjonijiet ta' tmexxija.

17 Il-membri tal-grupp Georgakis kienu ħadu d-deċiżjoni, fuq rakkomandazzjoni tal-konsulenti finanzjarji tagħhom, li jsostnu l-prezz ta' l-ishma ta' Parnassos fi żmien meta kienet qed tinħass it-tendenza ta' deprezzament fil-prezz. Għalhekk, huma għamlu diversi tranżazzjonijiet ta' bejgħ, ta' xiri u ta' fidi ta' ishma ta' Parnassos u ta' Atemke li seħħew bejniethom, il-kumpannija Parnassos u investitur istituzzjonali barrani.

18 Il-Kummissjoni tas-Swieq Kapitali ddeċidiet illi C. Georgakis kien b'hekk għamel tranżazzjonijiet fuq titoli trasferibbli billi sfrutta informazzjoni minn ġewwa u imponiet fuqu multa ta' 70 000 000 GRD. Id-deċiżjoni tagħha ġiet ikkonfermata mit-Trimeles Dioikitiko Protodikeio Livadias (it-Tribunal Amministrattiv ta' l-Ewwel Istanza ta' Livadia).

19 It-tranżazzjonijiet in kwistjoni li tagħhom ġie akkużat C. Georgakis kienu b'mod partikolari t-trasferiment ta' 92 000 ishma ta' Parnassos u ta' 11 100 ishma ta' Atemke kif ukoll is-sehem bħala xerrej għal waħda mis-sitta u għoxrin tranżazzjonijiet kontenzjużi li jirrigwardaw l-ishma ta' Parnassos, u l-parteċipazzjoni bħala bejjiegħ ta' parti mill-112 500 sehem ta' Atemke mixtrija minn ċerti membri tal-grupp minn wieħed mill-membri tiegħu. Waqt dawn it-tranżazzjonijiet, ebda sehem ma nħareġ fuq is-suq ħieles, u kollha nbiegħu u nxtraw prinċipalment bejn il-membri tal-grupp Georgakis. Dawn it-tranżazzjonijiet kienu miftehma minn qabel peress li l-membri msemmija kienu għamlu l-bejgħ u x-xiri wara d-deċiżjoni tagħhom li jsostnu l-ishma ta' Parnassos. Huma kienu ddestinati li jżidu artifiċjalment il-volum ta' skambji ta' l-ishma ta' Parnassos, sabiex jagħti impressjoni falza tal-valur tagħhom, mingħajr relazzjoni mal-valur li kien jintlaħaq mingħajr dawn it-tranżazzjonijiet artificjali.

20 C. Georgakis ressaq appell kontra s-sentenza ta' l-ewwel istanza li ntlaqa' mid-Dioikitiko Efeteio Peiraios (Qorti Amministrattiva ta' Piraeus).

21 L-Ypourgos Oikonomikon u l-Proïstamenos DOY Amfissas ressqu appell quddiem is-Symvoulio tis Epikrateias sabiex titħassar din is-sentenza.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Symvoulio tis Epikrateias iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Fl-ipoteżi fejn isiru, bejn persuni jew gruppi ta' persuni li jkollhom waħda mill-kwalitajiet msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/592 [...], tranżazzjonijiet talborża miftiehma minn qabel ta' l-ishma li jinvolvu ż-żieda artifiċjali fil-prezz ta' titoli trasferibbli, il-partijiet f'dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jitqiesu li huma detenturi ta' informazzjoni minn ġewwa skond l-Artikoli 1 u 2 ta' l-imsemmija Direttiva, li b'hekk jaqgħu taħt il-projbizzjoni, magħmula fl-Artikoli 2, 3 u 4 tad-Direttiva - li jisfruttaw informazzjoni minn ġewwa, jew le?"

Fuq id-domanda preliminari

23 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, fis-sustanza, jekk l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 89/592 għandhomx jiġu interpretati fis-sens illi, meta l-azzjonisti prinċipali u l-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija jiftehmu li jwettqu bejniethom tranżazzjonijiet fil-borża fuq titoli trasferibbli ta' din il-kumpannija sabiex isostnu artifiċjalment il-prezz, huma jkollhom informazzjoni minn ġewwa illi huma huma jisfruttaw meta jħaddmu t-tranżazzjonijiet tagħhom.

24 Sabiex jiġi ddeterminat jekk, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, grupp ta' persuni jaġixxux abbażi ta' informazzjoni minn ġewwa illi l-membri ta' dan il-grupp ikollhom f'idejhom, għandu, l-ewwel nett jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni li jsiru tranżazzjonijiet fil-borża tkunx ittieħdet minn meta tkun ġiet ikkomunikata

direttament jew indirettament informazzjoni minn persuna li tappartjeni lil waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/592, li jkollha "informazzjoni minn ġewwa" skond l-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva.

25 Jirriżulta mid-digriet tal-qorti tar-rinviju illi d-deċiżjoni meħuda mill-membri tal-grupp Georgakis li jagixxu fis-suq sekondarju ta' titoli trasferibbli b'mod miftiehem sabiex isostnu l-prezz ta' l-ishma tal-kumpannija Parnassos, li tagħhom kienu l-azzjonisti prinċipali u membri tal-bord tad-diretturi, ittieħdet wara r-rakkomandazzjonijiet tal-konsulenti finanzjarji tagħhom.

26 Jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/592 illi l-"informazzjoni minn ġewwa", sabiex tiġi rrikonoxxuta bħala tali, għandha tissodisfa diversi kundizzjonijiet, jiġifieri, li ma tkunx saret pubblika, li tkun ta' natura preċiża, li tikkonċerna entità emittenti ta' titoli trasferibbli, jew ta' titoli trasferibbli in kwantu tali, u li, jekk issir pubblika tkun tista' jkollha effett sinjifikattiv fuq il-prezz tat-titolu jew titoli trasferibbli in kwistjoni.

27 Rakkomandazzjoni sempliċi sabiex jittieħdu ċerti miżuri, magħmula abbażi ta' l-esperjenza tas-suġġett biss ma tistax, għalhekk, titqies li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet.

28 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/592 jipprojbixxi lill-persuni li, b'mod partikolari minħabba l-kwalità tagħhom ta' membri tal-korpi amministrattivi jew minħabba l-impjieg, il-professjoni jew id-dmirijiet tagħhom, ikollhom informazzjoni minn ġewwa dwar wieħed jew diversi titoli, milli jisfruttaw din l-informazzjoni billi jakkwistaw jew jittrasferixxu l-imsemmija titoli trasferibbli (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2005, Grøngaard u Bang, C-384/02, Ġabra p. I-9939, punt 23).

29 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/592 jipprojbixxi lil dawn l-istess persuni milli jikkomunikaw din l-informazzjoni lil terz u li jirrakkomandaw lil terz li jakkwista jew jittrasferixxi, direttament jew indirettament, titoli trasferibbli abbażi ta' din l-informazzjoni minn ġewwa, filwaqt li l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva jimponi fuq kull persuna oħra l-projbizzjoni li tieħu vantaġġ minn informazzjoni minn ġewwa trażmessa lil persuna li tappartjeni lil waħda mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 2 (1) ta' l-imsemmija Direttiva.

30 Issa, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju illi l-konsulenti finanzjarji tal-grupp Georgakis ma jinsabux f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1), u li r-rakkomandazzjoni tagħhom dwar is-sostenn ta' ishma tal-kumpannija Parnassos meta kienu jinħassu tendenzi għad-deprezzament tal-prezz ma kinitx ukoll ibbażata fuq informazzjoni li kienet ġiet trażmessa lilhom minn persuna li kienet tinsab f'waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet.

31 Għalhekk, meta segwew ir-rakkomandazzjonijiet tal-konsulenti finanzjarji tagħhom, il-membri tal-grupp Georgakis ma kinux imħeġġa jagħmlu t-tranżazzjonijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali abbażi ta' informazzjoni li ssodisfat il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/592. Lanqas ma aġixxew skond informazzjoni jew ġabra ta' informazzjoni miksuba direttament, minn waħda mill-kategoriji ta' persuni msemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva jew, indirettament, permezz ta' terz.

32 Għandu għalhekk jiġi eżaminat, wara dan, jekk, mill-fatt li huma ħadu sehem fl-adozzjoni ta' deċiżjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, fiċ-ċirkustanzi deskritti aktar 'il fuq, il-membri ta' l-imsemmi grupp kellhomx informazzjoni minn ġewwa skond l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/592.

33 Jidher li d-deċiżjoni tal-membri tal-grupp Georgakis dwar sostenn għall-ishma ta' Parnassos stabbilixxiet pożizzjoni komuni fi ħdan dan il-grupp fuq tranżazzjonijiet li

għandhom isiru bejn l-istess membri sabiex jgħollu artifiċjalment il-prezz tat-titoli trasferibbli tal-kumpannija Parnassos. L-għarfien dwar l-eżistenza ta' din id-deċiżjoni kif ukoll il-kontenut tagħha jikkostitwixxi, għal dawk li hadu sehem fl-adozzjoni tagħha, informazzjoni minn ġewwa skond l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 89/592.

34 Fil-fatt, din hija informazzjoni li ma ħarġitx fil-pubbliku, li għandha natura preċiża, li tikkonċerna titoli trasferibbli u li, jekk din kienet ħarġet fil-pubbliku kellha r-riskju li tinfluwenza b'mod sinjifikattiv il-prezz ta' l-ishma Parnassos, li setgħet ukoll twassal għall-kollass tagħha fil-borża.

35 Isegwi illi persuni bħall-membri tal-grupp Georgakis, mill-fatt li kienu l-awturi ta' din l-informazzjoni minn ġewwa u li kellhom fil-kwalità tagħhom ta' azzjonisti prinċipali tal-kumpannija Parnassos u membri tal-Bord tad-diretturi tagħha, jaqgħu taħt il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/592 li jisfruttaw l-għarfien in kwistjoni.

36 Għandu jiġi eżaminat, jekk, fl-aħħar nett, bl-implementazzjoni ta' deċiżjoni bħal dik adottata fi ħdan il-grupp Georgakis, jiġifieri meta wettqu t-tranżazzjonijiet tal-borża miftehma, il-membri ta' dan il-grupp sfruttawx informazzjoni minn ġewwa illi huma kellhom f'idejhom, skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/592. Fil-fatt, jirriżulta minn din id-dispożizzjoni u mit-tnax-il premessa ta' din id-Direttiva illi l-insider dealing jimplika mhux biss li tuża' l-informazzjoni minn ġewwa iżda wkoll li jsir profitt minnha.

37 Jirriżulta mit-tieni sal-ħames premessi tad-Direttiva 89/592 li din għandha l-għan li tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb tas-suq sekondarju tat-titoli trasferibbli u li tipproteġi l-fiduċja ta' l-investituri li hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-fatt li huma serin jitpoġġew f'pożizzjoni ta' ugwaljanza u se jkunu protetti kontra l-użu illeċitu ta' l-informazzjoni minn ġewwa (sentenza Grøngaard u Bang, iċċitata aktar 'il fuq, punt 33).

38 Għalhekk l-għan imsegwi mill-projbizzjoni imposta mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/592 huwa li jiggarantixxi l-ugwaljanza tal-partijiet kontraenti fi tranżazzjonijiet fil-borża billi jevita illi wieħed minnhom, li għandu informazzjoni minn ġewwa u li jinsab, minħabba dan il-fatt, f'pożizzjoni vantaġġjuża meta mqabbel ma' investituri oħrajn, jagħmel profitt għad-detriment ta' ħaddieħor li ma jafx.

39 Għalhekk, fejn, bħal fil-kawża prinċipali, il-partijiet kontraenti jkollhom l-istess informazzjoni, huma jinsabu f'sitwazzjoni ta' ugwaljanza u l-informazzjoni ma tibqax għalihom "minn ġewwa" fil-kuntest ta' l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni adottata fi ħdan il-grupp. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li ebda waħda minnhom ma tinsab f'sitwazzjoni li tieħu vantaġġ fuq l-oħrajn, it-tranżazzjonijiet magħmula bejn il-membri ta' dan il-grupp abbażi ta' din l-informazzjoni ma jikkostitwixxux sfruttament minħabba għarfien ta' informazzjoni minn ġewwa skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/592.

40 Il-Gvern Grieg u l-Gvern Taljan iqisu, madankollu, illi l-implementazzjoni ta' deċiżjoni bħal din fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/592. Huma tal-fehma illi, meta d-deċiżjoni preliminari li ssir tranżazzjoni jkollha magħha tentattiv li tqarraq lill-investitur pubbliku, din toħloq riskju għall-funzjonament tas-suq ta' titoli trasferibbli, u meta tinsab motivata mill-intenzjoni li tagħmel qligħ determinat, l-informazzjoni għandha importanza deċiżiva, fejn it-teħid ta' vantaġġ jista' joħloq "daqqa serja" għat-trasparenza tas-suq.

41 F'dan il-każ, għalkemm huwa veru illi t-twettiq ta' prattiċi intiżi li jipprovokaw livell għoli artifiċjali tal-prezz ta' ċerti titoli trasferibbli permezz ta' tranżazzjonijiet miftehma tista' twassal għal telf ta' fiduċja ta' investituri fl-integrità tas-swieq finanzjarji, il-fatt jibqa' illi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/592, l-unika att Komunitarju applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, huwa limitat għall-isfruttament ta' informazzjoni minn ġewwa minn persuni li għandhom il-karatteristika li jeżerċitaw insider dealing jew il-komunikazzjoni minn dawn il-

persuni ta' l-informazzjoni lil terzi. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jiġu applikati għal operazzjonijiet fejn l-għan huwa li jiffissa artifiċjalment, b'mod miftiehem, il-prezz ta' ċerti titoli trasferibbli.

42 Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-ħdax-il premessa tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU L 96, p. 16), fejn huwa affermat li, matul l-adozzjoni tagħha, peress li l-qafas legali Komunitarju għall-protezzjoni ta' l-integrità tas-suq finanzjarju ma kienx komplut, ċerti Stati Membri ma kellhom l-ebda leġiżlazzjoni li tkopri l-kwistjonijiet ta' manipulazzjoni tal-prezz u t-tixrid ta' informazzjoni qarrieqa. Dan huwa kkonfermat mill-istess għan ta' din id-Direttiva, illi huwa li jipprevjeni u jippenalizza t-twettiq ta' abbuż fis-suq kemm meta jkun fil-forma ta' insider dealings kif ukoll meta jikkonsisti f'manipulazzjonijiet tas-suq, li d-definizzjoni tagħha tinsab fl-Artikolu 1(2) ta' l-imsemmija Direttiva.

43 Għandu jiġi rrilevat, fl-aħħar nett, illi l-bżonn li tiġi assigurata trasparenza fl-operazzjonijiet magħmula minn persuni li jeżerċitaw responsabbiltajiet fi ħdan emittenti ta' titoli u, skond il-każ, persuni li huma marbutin fil-qrib magħhom, ma tidhirx, bħal tali, fid-Direttiva 89/592, filwaqt li jirriżulta mill-ħmistax, mis-sitta u għoxrin u mis-seba' u għoxrin premessi tad-Direttiva 2003/6 illi, bħala miżura ta' prevenzjoni kontra l-abbuż tas-suq, il-kunċett ta' trasparenza kien iddaħħal fil-qafas Komunitarju dwar il-ħarsien tas-swieq finanzjarji bl-adozzjoni, fl-2003, ta' din l-aħħar Direttiva, illi, fil-mument tad-dħul tagħha fis-seħħ, ħassret id-Direttiva 89/592.

44 Għalhekk, id-domanda magħmula għandha tingħatalha risposta illi l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 89/592 għandhom jiġu interpretati fis-sens illi, meta l-azzjonisti prinċipali u membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija jiftehmu li jagħmlu bejniethom tranżazzjonijiet tal-borża fuq titoli trasferibbli ta' dawn il-kumpanniji sabiex isostnu artifiċjalment il-prezz, huma jkollhom informazzjoni minn ġewwa illi ma jisfruttawx bħala għarfien tal-kwistjoni meta jimplementaw l-imsemmija tranżazzjonijiet.

Fuq l-ispejjeż

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/592/KEE tat-13 ta' Novembru 1989, li tikkonċerna l-koordinazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet dwar l-insider dealings għandha tiġi interpretata fis-sens illi, meta l-azzjonisti prinċipali u membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija jiftehmu li jagħmlu bejniethom tranżazzjonijiet tal-borża fuq titoli trasferibbli ta' din il-kumpannija sabiex isostnu artifiċjalment il-prezz, huma jkollhom informazzjoni minn ġewwa illi ma jisfruttawx bħala għarfien tal-kwistjoni meta jimplementaw l-imsemmija tranżazzjonijiet.

Firem